# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 30 ta' Marzu, 2001**

**Numru 7**

**Citaz. Nru. 1417/96GV**

**Doc. Nru. 41-01**

**Joseph Mifsud f'ismu propju u bhala rappresentant ta' ibnu Clinton Mifsud**

**vs**

**Tania Craus**

Il-Qorti,

**PRELIMINARI**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi nhar it-3 ta' Mejju, 1994 waqt li bin l-attur Clinton kien qieghed fl-iskola De La Salle College, minhabba traskuragni, imperizja jew nuqqas tat-tharis tar-regolamenti tat-traffiku gie mtajjar mill-konvenuta bil-vettura minnha misjuqa F-1797;

Premess illi f'dan l'incident l-imsemmi tifel sofra feriti ta' natura gravi per durata u l-attur l-iehor il-missier hallas diga' diversi spejjez medicinali etc., barra dak li ghad irid ihallas u jbati bhala danni;

L-atturi talbu li din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli tal-incident li gara nhar it-3 ta' Mejju, 1994 meta hija tajret lill-attur Clinton bil-vettura minnha misjuqa F-1797 f'De La Salle College;

2. Tinnomina u tahtar periti nominandi sabiex jillikwidaw d-danni kagunati lill-atturi minhabba dan l-incident:

3. Thallas l-ammont hekk likwidat lill-atturi:

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 2 ta' Mejju, 1996 u bl-imghax legali kontra l-konvenuta.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta a fol. 8 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok trid issir il-korrezzjoni mehtiega ta' isem l-eccipjenti;

2. Illi l-azzjoni hi preskritta ai termini tal-art. 2154 (1) tal-Kap. 16;

3. Illi l-ewwel talba ghandha tigi michuda ghax ghall-incident kien jahti t-tifel stess:

4. Illi, riferibilment ghat-tieni talba, m'hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront tal-eccipjenti;

5. Illi, riferibilment ghat-tielet talba, m'hemm ebda ammont dovut lill-attur pro et noe;

6. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

corrected
Rat id-digriet a fol. 11 u 21;

Zammet access fuq il-post tal-incident;

Rat ir-rapport tal-espert mediku nominat;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri jittrattaw:

Rat in-noti tal-partijiet;

**TALBA**

L-attur qed jitlob li din il-Qorti: tiddikjara lill konvenuta unikament responsabbili ghall-incident li gara fit-3 ta' Mejju, 1994 meta hija tajjret lill attur Clinton bil-vettura minnha misjuqa F 1797 gewwa De La Salle College; tinnomina u tahtar periti nominandi sabiex jillikwidaw id-danni kagunati lill-attur minhabba dan l-incident; thallas l-ammont hekk likwidat lill-atturi.

**ECCEZZJONIJIET**

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta kienet giet sorvolata b'korrezzjoni awtorizzata mill-Qorti;

Il-konvenuta eccepiet inoltre li l-azzjoni hi preskritta a termini ta' l-artikolu 2154(1) tal-Kap 16. Fuq din l-eccezzjoni ma ngabu ebda provi u ma saret ebda trattazzjoni u ghalhekk il-Qorti qed tikkunsidraha bhala rinunzjata.

Dwar l-ewwel talba l-konvenuta eccepiet li ghall-incident kien jahti t-tifel stess. Riferibilment ghat-tieni talba m'hemmx danni x'jigu likwidati u rigward it-tielet talba m'hemm ebda ammont dovut lill-attur pro et noe.

**PROVI**

**L-attur Joseph Mifsud** fl-affidavit tieghu qal li kien mar ghat-tifel l-iskola. Kif appena dahal ra lit-tifel qed jigri fuq in-naha tal-gemb tal-gym xi pied minn mal hajt. Mument minnhom il-konvenuta, li kienet hierga minn go l-iskola bil-karozza gibdet habta u sabta l-vettura taghha fuq ix-xellug u kif ghamlet dan qabdet saqjan it-tifel. Kif ra hekk beda jghajjat, nizel mill-van u mar jara x'gara lil ibnu. Imbaghad hadu l-polyclinic Bormla u wara l-isptar. It-tifel kien ghamel hmistax il-gurnata l-isptar u kien taht il-kura ta' Dr. Casaletto (ara fol. 49/50) u Dr. Ercole Spiteri.

**PS 1354 Edward Grixti** xehed li hu kien kellem lill konvenuta wara l-accident u din qaltlu li kienet hierga bil-karozza mill-iskola u kien hemm tifel fuq in-naha tax-xellug taghha li x'hin ra lill missieru jfigg mill-bieb ta' l-iskola qasam u laqtitu. Hu kien kellem lill konvenuta biss.

**Il-konvenuta** kkonfermat id-dikjarazzjoni li hemm mal-eccezzjonijiet taghha u xehdet li t-tifel kien fuq ic-cint ma tfal ohra qed jilghabu jistennew il-genituri taghhom biex jigbruhom. Meta gie missier it-tifel dan qabez mic-cint biex imur hdejn missieru. It-tifel intlaqat bit-tyre tal-karozza. Hsara fil-karozza ma kellha xejn. Hi kienet ghaddejja bi *speed* kemm ticcaqqlaq. Fil-post hemm "*sleeping policeman*". Dak il-hin wara l-incident missier it-tifel kien qalilha biex tikkalma u zied jghidilha "la hareg hareg".

Fuq kontro-ezami wiegbet li t-tifel nizel minn fuq ic-cint f'daqqa u hasadha. Huma kienu wisq vicin xulxin. X'hin qabez, messew ma' xulxin. Laqtitu bir-rota ta' quddiem u t-tifel spicca fl-art.

**Clinton Mifsud** ma xehedx.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DRITT**

Il-kaz li fih id-*driver* jista’ jkun ezentat mir-responsabilita', hu dak biss li fih il-*pedestrian*, b'xi att inaspettat jew subitaneu jew xort'ohra b'xi ghemil tieghu jkun qieghed lid-*driver* f'posizzjoni li anke bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment. App. Krim Il-Pulizija vs C. Mifsud Vol 38 p 859; Pul vs J. Vella 5.2.66; u Pul vs J. Attard Portughes 10.12.66

M’hemmx presunzjoni li *pedestrian* ghandu dejjem ragun. Imma hu m'ghandux jitqies bhala intruz. Hu ghandu juza l-kura mehtiega biex ma johloqx ghal utenti l-ohra tat-triq sitwazzjonijiet ta' perikolu jew emergenza. App Civ. S. Bonaiglas vs J. Mercieca 20.1.70

Ghalkemm il-*pedestrian* ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu ukoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam. Jekk il-*pedestrian* ikun negligenti, pero’ dan ma jassolvix lid-*driver* tal-KAROZZA milli juza dak il-grad ta' "*reasonable care*" li tinhtieg. Dan kollu jinghad, dejjem sakemm ma tkunx giet krejata mill-*pedestrian* lid-*driver*, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragjonevolment possibli, azzjoni evaziva tempestiva. (App. Krim Pul vs J. Formosa XL111 p 4 p 1023).

Emergenza subitanea tavvera ruha ez. meta persuna taqsam f'daqqa u tissorprendi lil konducent, jew taghmel xi moviment insolitu u inaspettat (App. Krim Pul vs J. Thorton XLV p4 p 920) jew meta *pedestrian* jinzel inaspettatament minn fuq bankina, jew li jaqsam jew jitfacca ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfacca ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza". (App. Krim Pul vs Cassar Desain Vol XLV1 p 4 p 765).

Il-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana sancit principji importanti f'materja tal- limiti tar-responsabilita' ta’ konducent meta jigi mtajjar *pedestrian*. Dawn huma:

1. *Che il-conducente per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza sia venuto a troversi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti.*

2. *Che i movimenti del pedone siano cosi rapidi e inattesi da farlo convergere all'improvviso sulla traiettoria dei veicolo.*

3. *Che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente.*

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Dwar it-talba ghal periti addizzjonali (fol. 34) il-konvenuta ma nsistitx ghaliha u ghalhekk il-Qorti ma kinitx tat-provvediment. L-istess jinghad ghar-rikors a fol. 104 fejn hi talbet l-isfilz tar-rapport mediku.

Sewqan tal-konvenuta

"F'kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu b'tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax - ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova - li dak li gara jkun gara tort tal-attur. Dan mhux ghaliex il-tort ikun tal-attur imma semplicement ghaliex ma jkunx irnexxilu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu." (Ara Dr. H. Lenicher vs J. Camilleri 31/3/72 PA RF ).

Fil-kaz in ezami l-attur ghadu mhux cert x'tort kellha l-konvenuta. Fin-nota tieghu (ara para 6) hu jghid li jidher car li s-sewwieqa (il-konvenuta) **jew** ma kelliex *a proper look out* **jew** kienet ghaddejja bi *speed* mhux indikat. Post iehor ighid "jista' jkun li kellha *proper look out* izda minhabba li *speed* taghha hija giebet lilha nnifisha fl-inkapacita' li tirreagixxi" (para 6).

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenuta kienet ghaddejja bi *speed* baxx hafna, deskritt minnha bhala bil-kemm ticcaqlaq. Hi ndikat li hemmhekk hemm *sleeping policeman* u ma setghetx timxi bi *speed* anqas. M'hemmx prova ohra li l-konvenuta kienet ghaddejja bi *speed* mhux indikat ghal lokalita'.

L-attur issottometta li l-konvenuta kienet qeghdha vicin wisq lejn il-bankina, izda mill-access li sar u anke mir-ritratti li gew ezebiti l-konvenuta ma kinitx qeghdha tghaddi tkaxxkar mal-hajt, biss biss kien hemm it-tankijiet ma gemb ic-cint.

L-attur semma wkoll li l-konvenuta ma kinitx *totally aware* tal-ambjent minn fejn kienet ghaddejja, izda fil-fatt jirrizulta l-kuntrarju. Il-konvenuta hi *teacher* f'dik l-iskola u l-ambjent tafu sew. Inoltre hi xehdet li rat lit-tifel fuq ic-cint mat-tfal l-ohra qed jilghab u ma kinitx qed tistennih li ser jaghmel dak li fil-fatt ghamel.

<u>Dwar l-ghemil tat-tifel</u> jirrizulta li dan kien qed jilghab fuq ic-cint ma tfal ohra u meta ra lill missieru diehel l-iskola, istintivament qabez mic-cint biex imur fejn missieru imma kif appena nizel minn fejn kien gie fit-trajjettorja tal-karozza tal-konvenuta u din laqtitu u ma setghetx tevitah.

Jirrizulta li l-moviment tat-tifel kien wiehed rapidu u inaspettat b'mod li holoq emergenza subitaneja lill-konventa li ma setghetx tevita li tolqot it-tifel. Ma rrizulta li kien hemm ebda traskuragni fis-sewqan da parti tal-konvenuta u kienet qed tuza d-debita prudenza. Mhux hekk ghamel il-tifel li ghalkemm kellu kull dritt li jaqsam (f'dan il-kaz lanqas kien qed jaqsam minn bankina izda jaqbez minn fuq cint) izda dan setgha jaghmlu biss wara li jaccerta ruhu li setgha jaghmlu b'sikurezza, haga li manifestament it-tifel m'ghamilx, ta' tifel li kien.

Konsegwentement it-talba ta' l-attur ma tistax tintlaqa' ghalkemm il-Qorti jidhrilha li pagament *ex gratia* mill-assikurazzjoni ma jkunx barra minn loku.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi billi tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuta u tichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**